MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 437/2008

**C P Trading Limited (C 18664)**

**vs**

**Gelati Riviera Limited**

**It-Tribunal;**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet hlas ta’ elf, tmien mija, hamsa u sittin Ewro u sitta u sebghin centezmi (€1,865.76) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ prodotti mibjugha lis-socjeta’ konvenuta u li baqa’ ma thallasx.

Qed jintalbu ukoll l-imghaxijiet dekoribbli mid-dati tal-fatturi relattivi mmarkati fil-prospett anness u mmarkat bhala

Dok. A sad-data tal-pagament effettiv bl-oghla rata permess mil-ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie prezentat Kapitolu fit-30 ta' Settembru, 2008 mill-Avukat Chris Cini u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li s-socjeta' konvenuta naqset li tikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------